DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2014/38/UE

tal-10 ta' Marzu 2014

li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill safejn huwa kkonċernat it-tniġġis akustiku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(3) tagħha,

Billi:

(1) Rekwiżiti nazzjonali iktar stretti rigward l-istorbju li joħolqu vetturi ferrovjarji ġodda u aġġornati għandhom jiġu evitati minħabba li jistgħu jaffettwaw l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja b'mod negattiv. Għalhekk, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/232/KE [2] u 2011/229/UE [3] li ġew adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE jistabbilixxu livelli massimi ta' storbju għal vetturi ferrovjarji ġodda ta' veloċità għolja u għal vetturi konvenzjonali.

(2) Il-punt 1.4.4. tal-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE jistipula li t-tħaddim tas-sistema ferrovjarja għandu jirrispetta r-regolamenti eżistenti dwar it-tniġġis akustiku. Dan ir-rekwiżit essenzjali hu meħtieġ biex jiġu speċifikati l-parametri bażiċi dwar l-istorbju skont kif stabbilit fil-punti 4.2.1, 4.2.2 u 4.2.3 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/229/UE u fil-punti 4.2.6.5.2., 4.2.6.5.3., 4.2.6.5.4. u 4.2.7.6. tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/232/KE.

(3) Il-punt 1.4.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE jagħmel referenza għal regolamenti eżistenti li ma tingħatax aktar informazzjoni speċifika dwarhom. Għalhekk, sabiex tiġi evitata kwalunkwe ambigwità u biex jiġi stipulat l-għan ġenerali maħsub ta' din id-Direttiva rigward l-istorbju, dak il-punt għandu jiġi emendat.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat li ġiet stabbilita skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-punt 1.4.4 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1.4.4. Id-disinn u t-tħaddim tas-sistema ferrovjarja m'għandhomx iwasslu għal livell inammissibbli ta' storbju maħluq minnha stess:

— f'żoni li jinsabu qrib infrastrutturi tal-ferroviji, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE, u

— fil-kabina tas-sewwieq."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. L-obbligi għat-traspożizzjoni u l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għar-Repubblika ta' Ċipru u għar-Repubblika ta' Malta sakemm ma tiġix stabbilita sistema ferrovjarja fit-territorji tagħhom.

[1] ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (STI) rigward is-subsistema vetturi ferrovjarji tas-sistema ferrovjarja tranżEwropea ta' veloċità għolja (ĠU L 84, 26.3.2008, p. 132)

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/229/UE tal-4 ta' April 2011 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità marbuta mas-sottosistema "vetturi ferrovjarji – storbju" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 99, 13.4.2011, p. 1)

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO